MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 341/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Alan Mallia**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**vs**

**Ivan Galea**
**Tristan Falzon**
**Anthony Z ammit**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Ivan Galea ta' 29 sena, iben Carmelo u Rose nee' Pace, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Novembru 1974, u residenti 135, Triq il-Gdida fi Triq il-Mithna, Hal-Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 576074(M) u l-imputat Tristan Falzon ta' 21 sena, iben Carmelo u Giorgina nee' Spiteri, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Lulju 1982 u residenti 64, "Redentur" Triq it-23 ta' Jannar,

Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 402382(M) u l-imputat Anthony Zammit ta' 25 sena, iben Francis u Mary Grace nee' Galdes, imwieled Awstralja nhar it-13 ta' Ottubru 1978 u li joqghod "Australia House", St. George's Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 158192(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1 (a) Nhar il-25 ta' April 2004, f'xi t-3.30 ta' wara nofs inhar, waqt li kienu fl-inhawi ta' Ghar Lapsi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja tal-kuntistabbli 882 John Falzon, u il-kuntistabbli 305 Alfred Gauci f'periklu car, ikkagunalhom offizi ta' natura gravi u permanenti, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit, minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;

1 (b) Fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra il-persuna tal-kuntistabbli 882 John Falzon, u l-kuntistabbli 305 Alfred Gauci, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi.

1 (c) Fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ingurjaw, heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna tal-kuntistabbli 882 John Falzon, u il-kuntistabbli 305 Alfred Gauci, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfuluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

1 (d) Fl-istess data, u cirkostanzi, waqt li kienu fl-inhawi ta' Ghar Lapsi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP-026, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. Nhar il-25 ta' April 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi

zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzjzoni wahda;

a) Fil-Marsa, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-8.00 ta' filghaxija ta' l-24 ta' April 2004, u it-3.00 ta' wara nofs inhar tal-25 ta' April 2004, ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), hin, mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Cutajar minn Birkirkara;

b) Waqt li kienu f'Birkirkara, ghall-habta tas-2.15 ta' wara nofs inhar ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' basket li kien fih mobile phone, u cwievet ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika) ghad-detriment ta' Maria Deguara minn Birkirkara;

c) Fl-istess data, waqt li kienu f'Birzebbugia, ghall-habta tat-2.50 ta' wara nofs inhar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' gizirana bis-salib, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bil-vjolenza (numerika), ghad-detriment ta' Rita Dalli minn Hal-Luqa;

d) Fl-istess data, waqt li kienu f'Hal-Tarxien, ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofs inhar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' gizirana u domna, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika) ghad-detriment ta' Carmen Bonello, anzjana ta' aktar minn 65 sena mill-Fgura;

3. Nhar il-25 ta' April 2004, ghal habta tat-3.30 ta' wara nofs inhar, waqt li kienu fl-inhawi ta' Ghar Lapsi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525, liema hsara li ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltija imma hija izjed minn hamsin Lira Maltija, saret ghad-detriment ta' John Cutajar minn Birkirkara;

4. Fl-istess data u cirkostanzi saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 li ma kenux koperta b'polza ta' sigurta dwar riskji ghal terzi persuni;

5. Nhar il-25 ta' April 2004 u matul il-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

6. Nhar il-25 ta' April 2004, f'dawn il-Gzejjer, saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 b'manjiera traskurata u perikoluza;

7. Fl-istess data, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 b'velocita' eccessiva;

8. Fl-istess data u cirkostanzi fiz-Zurrieq, naqsu li jieqfu is-sinjali tad-dawl, meta dawn kienu juru kulur ahmar;

9. Fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ma obdux l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' diversi membri tal-korp tal-Pulizija, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahlu fi dmirhom, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gibdu fix-xejn jew hassru dak li kienu ghamlu skond il-Ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

Lil Anthony Zammit u lil Ivan Galea wahedhom:

10. Waqt li kienu Fleur de Lys, Birkirkara, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-11.00 ta' bil-lejl tal-24 ta' April 2004, u nofs inhar tal-25 ta' April 2004 ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBB-743, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), hin, mezz, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Brian Schembri minn B'Kara;

11 Lil Ivan Galea talli nhar il-21 ta' April 2004, gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat L.Quintano

u gie lliberat milli jaghmel reat iehor ghall-perjodu ta’ sena, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

12. Lil Anthony Zammit wahdu talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

13. (a) Lil Tristan Falzon wahdu talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula;

(b) Kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta meta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta nhar id-9 ta’ Frar 2004, gie misjub hati ta’ reat u kkundannat ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija,liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta’ erbgha snin, u liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna is-sospensjoni ta’ kull licenzja tas-sewqan tal-imsemmija AnthonyZammit, Ivan Galea u Tristan Falzon ghal dak il-perjodu ta’ zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta’ Lulju 2005 (esebita a fol. 341 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>FIL-KONFRONT TA’ IVAN GALEA :</u>

a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
b) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
c) fl-artikoli 96 u 98 tal-Kodici Kriminali ;
d) fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ;
e) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;

f) fl-artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
g) fl-artikoli 18, 261(a), 262 u 276 tal-Kodici Kriminali ;
h) fl-artikoli 18, 261(a)(c), 262, 267, 276, 277 u 279 tal-Kodici Kriminali ;
i) fl-artikoli 18, 261(a), 262 u 276 tal-Kodici Kriminali ;
j) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
k) fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta ;
l) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ;
m) fl-artikoli 15(1)(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
n) fir-regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur u l-artikoli 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
o) fir-regolament 125 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, u l-artikoli 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
p) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali ;
q) fl-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
r) fl-artikoli 21 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;
s) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

<u>FIL-KONFRONT TA' TRISTAN FALZON :</u>

a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
b) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
c) fl-artikoli 96 u 98 tal-Kodici Kriminali ;
d) fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ;
e) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
f) fl-artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
g) fl-artikoli 18, 261(a), 262 u 276 tal-Kodici Kriminali ;

h) fl-artikoli 18, 261(a)(c), 262, 267, 276, 277 u 279 tal-Kodici Kriminali ;
i) fl-artikoli 18, 261(a), 262 u 276 tal-Kodici Kriminali ;
j) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
k) fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
l) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ;
m) fl-artikoli 15(1)(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
n) fir-regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur u l-artikoli 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
o) fir-regolament 125 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, u l-artikoli 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
p) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali ;
q) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;
r) fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali ;
s) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

FIL-KONFRONT TA’ ANTHONY ZAMMIT :

a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
b) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
c) fl-artikoli 96 u 98 tal-Kodici Kriminali ;
d) fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ;
e) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
f) fl-artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
g) fl-artikoli 18, 261(a), 262 u 276 tal-Kodici Kriminali ;
h) fl-artikoli 18, 261(a)(c), 262 , 267, 276, 277 u 279 tal-Kodici Kriminali ;
i) fl-artikoli 18, 261(a), 262 u 276 tal-Kodici Kriminali ;
j) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
k) fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
l) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ;
m) fl-artikoli 15(1)(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

n) fir-regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur u l-artikoli 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
o) fir-regolament 125 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, u l-artikoli 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
p) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali ;
q) fl-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
r) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;
s) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar 2006, l-imputati Ivan Galea. Tristan Falzon u Anthony Zammit ddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat is-Social Inquiry Report imhejji fil-konfronti tal-imputat Tristan Falzon u inserit a fol 386 et sequitur tal-process.

Rat li l-Prosekuzzjoni u l-avukati difensuri tal-imputati naqsu milli jipprezentaw in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali taghhom entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-25 ta' April 2005 kmieni wara nofsinhar PC882 u PC305 li kienu qed jaghmlu xi xoghol bil-vettura tas-servizz tal-marka Hyundai Accent u bin-numru tar-registrazzjoni GVP 026 fl-inhawi ta' Hal-Far gew infurmati mill-Control Room sabiex joqghodu attenti jarawx vettura tal-marka Cortina ta' kulur ahdar u bin-numru tar-registrazzjoni JAG 525 ghaliex kien hemm xi nies f'din il-vettura li kienu allegatament wettqu snatch and grab ftit tal-hin qabel. Dawn iz-zewg membri tal-korp tal-Pulizija fil-fatt lemhu lil din il-vettura fl-inhawi taz-Zurrieq u ghamlu sinjal lis-sewwieq sabiex jieqaf izda dan aktar ghafas il-gas u baqa'

sejjer. Il-vettura tal-Pulizija li kienet misjuqa minn PC882 bdiet issegwi lil din il-vettura sakemm f'certu punt meta z-zewg vetturi kienu fl-inhawi tad-Dar tal-Providenza fis-Siggiewi is-sewwieq tal-vettura Cortina tilef il-kontroll tal-vettura u din daret u giet thares lejn il-vettura tal-Pulizija. Waqt li dawn il-vetturi kienu qed iharsu lejn xulxin bi ftit distanza bejniethom is-sewwieq tal-Cortina, li gie identifikat minn PC 882 bhala l-imputat odjern Ivan Galea, saq fuq il-vettura tal-Pulizija u kkawzalha hsara frontali, dak il-hin infethet il-bieba tal-passiggier ta' din il-vettura u hareg ragel, li wara gie identifikat miz-zewg kuntistabbli bhala l-imputat Anthony Zammit, u telaq jigri fl-eghlieqi, filwaqt li s-sewwieq tal-Cortina irriversja lura u telaq minn fuq il-post. PC 305 telaq jigri wara l-imputat Anthony Zammit u rnexxielu jintercettah u jarrestah filwaqt li ftit tal-minuti wara ghaddiet vettura minn fuq il-post fejn il-Pulizija gew infurmati li l-vettura tal-marka Cortina u ta' kulur ahdar kienet waqfet ftit distanza l-isfel ghaliex kienet inqalghatilha r-rota. Ftit tal-hin wara l-Pulizija tal-Mobile Squad arrestaw lill-imputati Tristan Falzon u Ivan Galea u dawn tal-ahhar gew identifikati bhala z-zewg persuni l-ohra li kienu fil-vettura meta din baqghet diehla fil-vettura tal-Pulizija.

It-tlett imputati lkoll irrilaxjaw stqarrija (stqarriji relattivi inseriti a fol. 38 sa 44 tal-process) izda kien biss l-imputat Anthony Zammit li kkopera mal-Pulizija. Huwa fil-fatt qal li dakinhar stess Ivan Galea u hu kienu telqu minn Hal-Qormi u marru fl-inhawi ta' B'Kara minn fejn kienu serqu vettura tal-marka Cortina u mbaghad ghaddew ghall-imputat Tristan Falzon Hal-Qormi u gibdu lejn il-Hamrun minn fejn serqu Cortina ohra ta' kulur ahdar peress li l-ewwel vettura li serqu ma kienitx qed tahdem sew u huma fil-fatt abbandunaw l-ewwel Cortina. Huma bdew iduru bit-tieni Cortina u wettqu tlett serqiet ta' snatch and grab, serqu handbag minn fuq mara minn B'Kara. Gizirana minn fuq mara Hal-Tarxien u gizirana ohra minn fuq mara Birzebbugia. Anthony Zammit ikkonferma li kien hu li sgassa z-zewg vetturi meta dawn insterqu u li kien huwa li saq l-ewwel Cortina sal-Marsa fejn imbaghad abbandunawha wara l-fabbrika tal-Lowenbrau. Huwa qal li-tieni Cortina kienet qed tinstaq mill-imputat Ivan Galea u

li kien Tristan Falzon li nizel jeffetwa s-serqiet. Huwa qal ukoll li kienu ftehmu li fl-ahhar jaqsmu kollox bejniethom. L-imputat Anthony Zammit qal li meta kienu fl-inhawi taz-Zurrieq huwa lemah vettura tal-Pulizija u nduna li dawn kienu lemhuhom u ghalhekk qal lil Ivan Galea sabiex jieqaf izda dan ma tax kasu u kompla sejjer. Zammit spjega li meta waslu hdejn id-dar tal-Providenza Ivan Galea tilef il-kontroll tal-vettura u gew iharsu lejn il-vettura tal-Pulizija u f'dan l-istadju huwa rega' qal lil Galea sabiex jieqaf izda dan baqa' jsuq ghal fuq il-vettura tal-Pulizija u huwa mbaghad iddecieda li johrog mill-vettura u jahrab minn fuq il-post fejn imbaghad gie arrestat.

Tristan Falzon fl-istqarrija tieghu qal lil Pulizija li l-imputati Galea u Zammit flimkien ma terza persuna kienu ghaddew ghalih b'vettura Kortina hadra li qalulu li kienet misruqa  Huwa qal li kienu marru Birzebbugia fejn Anthony Zammit kien seraq gizirana minn fuq mara. Huwa cahad li kienu gew effetwati xi snatch and grabs ohra dakinhar fil-prezenza tieghu. Tristan Falzon qal ukoll li meta waslu z-Zurrieq lemhu vettura tal-Pulizija li bdiet isegwihom u meta waslu Ghar-Lapsi Ivan Galea li kien qed isuq il-vettura tilef il-kontroll tal-istess vettura u gew iharsu lejha frontalment u peress li riedu jaharbu minn fuq il-post Ivan Galea saq ghal fuq il-vettura tal-Pulizija u mbaghad rriversja u harbu minn fuq il-post izda ftit tal-minuti wara inqalghet ir-rota tal-vettura u huma kellhom jieqfu u gew arrestati mill-Pulizija.

Ivan Galea wkoll irrilaxxja stqarrija izda huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda.

F'dawn il-proceduri xehdu wkoll PC 305 Alfred Gauci u PC882 John Falzon li t-tnejn gharfu lill-imputati bhala l-persuni li kienu fil-vettura tal-marka Cortina bin-numru tar-registrazzjoni JAG 525 meta bdew isegwuha u malli waqfuha. PC 882 inoltre identifika lill-imputat Ivan Galea bhala s-sewwieq tal-istess vettura u bhala l-persuna li saq din il-vettura ghal gewwa l-vettura tal-Pulizija u bhala l-persuna li ma waqafx meta huwa ghamillu sinjal car sabiex jieqaf. Dan ix-xhud qal li qabel l-impatt mal-vettura misjuqa minn Galea l-vettura tal-Pulizija kienet qed

tiffunzjona sew u ma kellha ebda hsara frontali. Huwa spjega li bhala konsegwenza ta’ dan l-incident sofra griehi fit-tissues ta’ idejh u esebixxa certifikat mediku (inserit a fol. 61) fir-rigward minn fejn jirrizulta li l-griehi minnu sofferti kienu ta’ natura hafifa.

F’dawn il-proceduri xehdu wkoll il-vittmi tat-tlett incidenti tal-isnatch and grab u cioe’ Rita Dalli, Maria Deguara (li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2004) u Carmen Bonello li xehdet fl-udjenza tat-3 ta’ Awissu 2004 izda hadd minnhom ma kien f’posizzjoni li jiddentifika lil persuna li kienet effetwat l-isnatch and grab. Waqt l-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2004 izda xehed ukoll Carmel Dalli li huwa r-ragel ta wahda mill-vittmi tal-isnatch and grab Rita Dalli u li kien qed jakkompanjaha dakinhar u li identifika lill-imputat Tristan Falzon bhala l-persuna li seraq il-gizirana lil mara tieghu.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll John Cutajar, il-propjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG 525 tal-marka Cortina li kkonferma li l-vettura tieghu kienet giet misruqa minn quddiem is-showroom tieghu il-Hamrun (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 84 u 85 tal-atti processwali).

Ikkunsidrat:

Illi t-tlett imputati jinsabu addebitati b’diversi imputazzjonijiet bl-ewwel imputazzjoni li hija dik li ghamlu attentat li jikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC882 u PC305. Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Ivan Galea ghaliex mix-xhieda tal-istess PC882 jirrizulta li kien hu li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG525 u kien hu li ghazel li jsuq dritt fil-vettura tal-Pulizija. Is-sewwieq ghandu kontroll assolut tal-vettura u minn imkien mill-provi ma rrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li Ivan Galea saq ghal fuq il-vettura tal-Pulizija fuq ordni li taz-zewg imputati l-ohra li kienu fil-vettura mieghu jew li b’xi mod dawn intervjenew sabiex huwa jidhol deliberatament fl-imsemmija vettura. Ghal din ir-raguni huwa l-imputat Ivan Galea biss li ser jinstab hati tal-ewwel akkuza. L-imputati

Tristan Falzon u Anthony Zammit ser jigu dikjarati mhux hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza, u cioe' dawk rigwardanti rezistenza bi vjolenza, ingurja u hsara volontarja fuq il-vettura tal-Pulizija ghall-istess ragunijiet filwaqt li l-imputat Ivan Galea ser jinstab hati tal-istess akkuzi ghaliex mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta PC882, rrizulta li kienu hu s-sewwieq tal-vettura u kien hu li ghazel li jsuq dritt ghal gewwa l-vettura tal-Pulizija sabiex ovvjament jikkagunalha hsara u jirrezisti l-arrest. Ghall-istess raguni l-imputat Ivan Galea wahdu ser jigi misjub hati li kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG 525 ghad-detriment ta' John Cutajar, li saq din il-vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni, li saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza u b'velocita' eccessiva u li naqas li jieqaf fuq sinjal tad-dawl meta kien ahmar. In vista tal-fatt li minn imkien mill-provi ma jirrizulta li Anthony Zammit jew Tristan Falzon kienu qed isuqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG 525 huma ser jigu dikjarati mhux hatja tal-imputazzjonijiet relatati ma sewqan perikoluz, traskurat u velocita' eccessiva u minghajr ma kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni kif ukoll ta' ksur iehor ta' regolamenti tat-traffiku. Rigward il-polza ta' assikurazzjoni irid jigi rilevat li mill-provi u senjatament mix-xhieda ta' Joseph Mula, r-rapprezentant ta' Elmo Insurance, irrizulta li l-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura misjuqa minn Ivan Galea kienet skadiet minghajr ma giet rinnovata ftit tal-jiem qabel l-incident in dizamina.

It-tlett imputati jinsabu wkoll akkuzati bir-reat ta' serq ikwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u xorta tal-haga misruqa kemm in kwantu jirrigwarda l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG 525, kif ukoll in kwantu jirrigwarda t-tlett incidenti ta' snatch and grab li gew effetwati f'Hal-Tarxien, Birzebbugia u f'Birkirkara. Rigward is-serq tal-vettura bin-numru JAG 525 il-Qorti jidrilha li din tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tat-tlett imputati, in kwantu jirrigwarda l-imputat Anthony Zammit din l-akkuza tirrizulta mill-istess stqarrija rilaxxjata mill-imputat fejn huwa ammetta li kien sgassa u seraq din il-vettura filwaqt li fil-konfronti tal-imputati Falzon u Galea

din l-akkuza tirrizulta stante li l-istess vettura instabet fil-pussess taghhom ftit tal-hin biss wara li rrizulta li kienet insterqet, kif ikkonfermaw PC882 u PC305 u l-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda dubju li huma wkoll kienu nvoluti fis-serq tal-istess vettura. In kwantu jirrigwarda t-tlett incidenti ta' snatch and grab dawn lkoll jirrizultaw pruvati fil-konfronti tal-imputat Anthony Zammit mill-istess stqarrijiet ta' Zammit filwaqt li fil-konfronti tal-imputati Tristan Falzon jirrizultaw pruvati biss iz-zewg serqiet effetwati fil-konfronti ta' Rita Dalli (fejn huwa gie identifikat minn Carmel Dalli bhala l-persuna li hataf il-gizirana minghand martu Rita Dalli) u dik effetwata fil-konfronti ta' Maria Deguara stante li l-handbag mahtuf instab fil-vettura li kienu fiha t-tlett imputati ftit tal-hin biss wara li dan kien insteraq. L-imputat Ivan Galea ser jinstab hati tas-serq tal-handbag ta' Maria Deguara ghall-istess ragunijiet izda huwa ma jistghax jinstab hati in kwantu jirrigwarda z-zewg incidenti l-ohra ta' snatch and grab (dak effetwat fil-konfronti ta' Rita Dalli u dak effetwat fil-konfronti ta' Carmen Bonello) stante li l-unika prova li huwa kien involut f'dawn iz-zewg serqiet hija l-istqarrija ta' Anthony Zammit u trattandosi ta' xi haga li qal ko-akkuzat fil-konfronti ta' ko-akkuzat iehor, din m'hijiex ammissibbli bhala prova fil-konfronti ta' Ivan Galea.

It-tlett imputati jinsabu lkoll akkuzati li ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom minn membru tal-korp tal-Pulizija. Din l-akkuza tirrizulta pruvata fil-konfronti tat-tlett imputati ghaliex kif diga' intqal aktar 'il fuq mill-provi rrizulta li Ivan Galea naqas milli jwaqqaf il-vettura li kien qed isuq fil-mument li sarlu d-debitu sinjal minn PC 882 filwaqt li in kwantu jirrigwarda Zammit u Falzon jirrizulta li huma telqu jigru u pruvaw jaharbu minn fuq il-post wara li kienet waqfet il-vettura misjuqa minn Galea u dan meta kienu jafu li l-Pulizija kienu qed jordnawlhom sabiex jieqfu.

Anthony Zammit u Ivan Galea wahidhom jinsabu akkuzati li serqu l-vettura tal-marka Cortina bin-numru tar-registrazzjoni KBB 743. Din l-akkuza tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Anthony Zammit stante li kien huwa li ammetta mal-Pulizija fl-istqarrija tieghu li hu u Galea kienu involuti fis-serq tal-imsemmija vettura izda kif

intqal fil-paragrafu precedenti din hija ammissibbli bhala prova biss fil-konfrontti ta' Zammit u mhux fil-konfronti ta' Galea u ma ngabet ebda prova ohra li tindika lil hin min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Ivan Galea kien involut fis-serq tal-imsemmija vettura. L-imputat Anthony Zammit ammetta wkoll mal-Pulizija li huwa kien saq l-imsemmija vettura. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' David Debono, jirrizulta li fid-data li nsterqet din il-vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni ghal kwalunkwe sewwieq li ghandu l-fuq minn hamsa u ghoxrin sena u ghalhekk l-akkuza fil-konfronti ta' Anthony Zammit li huwa saq vettura minghajr ma din kienet koperta b'polza ta assikurazzjoni ghal riskji fil-konfronti ta' terzi persuni ma tirrizultax pruvata. Anthony Zammit jinsab ukoll akkuzat talli sar recidiv filwaqt li Ivan Galea huwa akkuzat li kkommetta reat waqt il-perijodu fejn gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza, liema akkuzi lkoll gew pruvati billi l-Prosekuzzjoni produciet id-debiti sentenzi u billi saret id-debita prova tal-identita'. Tristan Falzon wahdu wkoll jinsab akkuzat li sar recidiv u li kkommetta reat iehor waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Din l-akkuza wkoll tirrizulta pruvata stante li giet esebita s-sentenza relattiva moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera fid-9 ta' Frar 2004 u billi saret il-prova tal-identita' permezz tax-xhieda tal-Ispettur Chris Galea Scanura. Din il-Qorti sejra ghalhekk tordna li l-piena ta' sentejn prigunerija li gie kkundannat Tristan Falzon permezz tal-imsemmija sentenza jigi fis-sehh b'effett immedjat.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda it-tlett imputati l-Qorti setghat tikkonstata kemm mill-fedini penali taghhom kif ukoll mill-atti processwali li huma lkoll ghandhom problema ta' dipendenza mid-droga u li huma lkoll diga' kisru difrejhom mal-gustizzja u inghataw l-opportunita' li jaqbdu it-triq it-tajba minn dawn il-Qrati izda jidher li huma m'gharfux juzufruwixxu minn din il-possibilta'. In kwantu jirrigwarda l-imputati Tristan Falzon u Anthony Zammit inoltre jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri huma inghataw l-opportunita' jibdew programm ta' rijabilitazzjoni sabiex jippruvaw jeghlbu l-problema tal-abbuz mid-droga

izda jidher li huma ma komplewx il-program. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fil-konfronti tat-tlett imputati piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi. Fil-konfronti tal-imputat Anthony Zammit il-Qorti qieset li huwa mal-ewwel ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk ser tigi applikata piena aktar vicin il-minimum milli l-maximum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati fin-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta’ Lulju 2005 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 218, 222(1), 95, 96, 325(1)(a), 18, 261(a),(b), (c), (f),(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280, 281 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-Artikoli 15(1) u (2), 54 u 55 tal-Kap. 65 u r-Regolamenti 125 u 127 tar-Regolamenti Dwar Vetturi bil-Mutur u l-Artikoloi 21 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat Ivan Galea hati tal-akkuzi mmarkati bhala 1(a), (b), (c) u (d), tal-akkuzi mmarkati bhala 2 (a) u (b), tal-akkuzi mmarkati bhala 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 11 u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar li jidhlu fis-sehh mill-gurnata li huwa jispicca jiskonta l-piena ta’ erba’ snin prigunerija li huwa qed jigi kkundannat permezz tas-sentenza odjerna. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza mmarkata bhala 5 stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati u tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 261(a),(b), (c), (f), (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280, 281 u 338(ee) u 28A sa H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat Tristan Falzon hati tal-akkuzi mmarkati bhala 2 (a), (b) u (c), 9, 13 (a) u 13 (b) u tikkundannnah tlett (3) snin prigunerija. Il-Qorti inoltre tordna li l-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospiza ghal erba’ (4) snin li huwa gie kkundannat permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dottor Consuelo

Scerri Herrera tad-9 ta’ Frar 2004 tidhol fis-sehh millum sabiex b’hekk l-imputat Tristan Falzon irid jiskonta kumplessivament hames (5) snin prigunerija. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza mmarkata bhala 5 stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati u tiddikjara lill-imputat Tristan Falzon mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istees akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 261(a),(b), (c), (f), (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280, 281 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat Anthony Zammit hati tal-akkuzi mmarkati bhala 2(a),(b), (c), (d), 9, 10 u 12 u tikkundannah tlett(3) sinin prigunerija. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza mmarkata bhala 5 stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati u tiddikjara lill-imputat Anthony Zammit mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lit-tlett imputati Ivan Galea, Anthony Zammit u Tristan Falzon sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub ihallsu lir-Registratur tal-Qorti terz kull wiehed mis-somma ta’ (€400.40) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------